MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 868/2005

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Grech Fashions Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 t'April 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlieta u disghin Liri Maltin u wiehed u tletin centezmi (Lm93.31) kwantu ghal Lm79.08 sentejn Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Dicembru 2003 sal-5 ta' Dicembru 2005, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 011282 (Dok. A) rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta b'liema licenzja is-socjeta' konvenuta giet moghtija id-dritt li xxandar lil pubbliku muzika tutelata f'l-isttabiliment

“Match Music Store”, San Giljan u Lm14.23 Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-avviz, komprizi dawk tal-ittri legali tal-15 ta’ Marzu 2004 u tal-15 ta’ Marzu 2005, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlieta u disghin Liri Maltin u wiehed u tletin centezmi (Lm93.31), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------